MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 175/2013

**Appell Numru: 175/2013**

**Il-Pulizija
[Spettur Anthony Agius]
Vs
Tonio (Anthony) Ciantar**

Illum, 14 ta' Novembru 2013

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Tonio (Anthony) Ciantar, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 469269M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni akkuzata talli:
Billi fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni akkuzat talli bhala direttur tal-kumpanija Toys 'N Kids Limited (C12916) ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li

gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skond id-disposizzjoniet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' April, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghan-nuqqasijiet tas-socejat Toys 'N Kids Limited sa'l-20 ta' Ottubru 2001 u tikkundannah multa ta' tlett mitt Euro (€300) u multa addizjonali ta' sebgha Euro (€7.00) u multa addizzjonali ta' sebgha Euro (€7) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti  spjegat lill-imputat ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f 'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant Tonio (Anthony) Ciantar minnu pprezentat fl-24 ta' April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka u thassar id-decizjoni moghtija mill-Ewwel Qorti inkwantu ghal dik il-parti li sabithu hati, filwaqt li taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji u opportuni li jidhrilha xierqa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-
Illi l-akkuza migjuba kontra l-appellanti tirreferi ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003, u l-imputat instab hati ghall-perjodu kollu sakemm kien ghadu direttur.

Illi rrizulta li wara Ottubru tas-sena 2001, ma kienx ghadu direttur, ma kellux iktar konnessjoni mas-socjeta` u ma kellux ebda access ghad-dokumenti tal-istess.

Illi dan il-fatt jidher illi gie rikonoxxut in parte anke mill-ewwel Onorabbli Qorti billi fis-sentenza taghha tghid illi r-responsabilita` tieghu twasssal sal-20 ta’ Ottubru, 2001.

Illi l-appellanti ghalhekk jirrileva illi inkwantu l-akkuza tirreferi ghas-snin 1998 sas-sena 2003, l-akkuza kif dedotta ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi u huwa kellu jigi liberat. Dana qieghed jinghad billi hawnhekk qieghdin fil-kamp penali u akkuza ghandha tigi ppruvata lil hemm minn kull dubju ragjonevoli. Kontra l-appellanti inharget akkuza wahda li tkopri (6) snin differenti (1998 sa’ 2003) u gie ippruvat li l-appellanti ma kienx responsabbli ghal dawn is-snin kollha. Ghalhekk huwa kellu jigi liberat.

Illi l-appellant jissottometti illi l-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu ma tissussistix billi ghal kuntrarju irrizulta illi huwa fl-impossibilita illi jottempra ruhu mal-ligi.

Illi d-difiza tal-impossibilita` sollevata mill-appellanti kellha tigi milqugha. Kif spjegat hawn fuq, fil-kaz odjren, l-appellant ma rrezenjax minn direttur u baqa` xorta involut fis-socjeta`; izda biegh l-interess tieghu kollu fis-socjeta` u ma kellu xejn aktar x’jaqsam maghha. Hu spjega kif ma kellux aktar access ghall-ebda document u lanqas biss kien jaf fejn huma l-karti u d-dokumenti tas-socjeta`. L-appellanti umilment jirrileva illi huwa rnexxielu jipprova l-impossibilita` almenu sal-grad ta’ probabilita` u ghalhekk ukoll kellu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kell ma giex illiberat mill-imputazzjonijiet kollha, l-Ewwel Qorti messha kkunsidrat il-fatt illi ma setax jottempra ruhu f'dan l-istadju u ma kkundannatux penali ghal kull gurnata li ma jkunx ottempra ruhu – l-impossibbli ma jistax isir.

Illi dak li qed tippretendi l-Ewwel Qorti li l-appellant ghandu jottempra ruhu inkella jinkorri penali gornaliera, jmur kontra l-ordinament guridiku nnifsu. Li wiehed jottempra ruhu necessarjament jirrikjedi li ghandhom jimtlew formoli bl-informazzjoni relevanti; izda l-ligi stess tezonera lill-appellant illi jzomm ir-records u l-kotba tal-Kummerc tieghu ghal dan iz-zmien kollu. Illi qeghdin fis-sena 2013 u l-appellant qed jiffaccja akkuzi li jirrisalu sal-1998 – hmistax il-sena ilu.

Illi ma jezisti l-ebda obbligu li l-appellant ghandu dover li jzomm records u kotba tal-kummerc ghal dan iz-zmien.

Illi ai termini tal-artikolu 26 tal-Kap. 13, kummercjalment obbligat izomm il-kotba tal-kummerc ghal hames snin.

Illi ai termini tal-artikolu 163(5), tal-Kap. 386 (L-att dwar il-kumpaniji) accounting records iridu jinzammu ghal massimu ta' ghaxar snin.

Illi ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap. 372 (Income Tax Management Act) l-obblugu li zzomm records iwassall biss ghal 9 snin. Kif jista` l-kummissarju tat-taxxi interni joqghod jistenna li jiskadi daz-zmien biex jipprocedi, halli japprofitta ruhu mill-fatt li l-akkuzat m'ghandux aktar records.

Ikkunsidrat.

Irrizulta illi l-appellant kien direttur tas-socjeta Toys & Kids Limited li naqset illi tibghat id-denunzji ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2001, 2002 u 2003 u dana bi ksur tar-regolamenti tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellat irrizenja minn direttur ta' din is-socjeta fl-20 ta' Ottubru, 2001. Il-Qorti tal-Magistrati b'sentenza tat-12 ta' April,

2013 sabet lill-appellnt hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, kkundannatu ghal multa ta’ €300 u multa addizzjonali ta’ €7 kulljum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data tas-Sentenza.

L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. L-appellant jilmenta illi huwa gie mixli li ma baghatx id-denunzji ghas-snin 1998 sat-2003, wara Ottuburu ta’ l-2001 ma kienx ghadu direttur u ma kellux aktar konnessjoni mas-socjeta u ma kellux ebda access ghad-dokumenti u kotba taghha. Dana gie rikonoxxut mill-ewwel Qorti meta ddikjarat li r-responsabilta tieghu twassal sa l-20 ta’ Ottubru, 2001 u ghalhekk skont l-appellant l-akkuza kif dedotta ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi u kellu jigi liberat. Fit-tieni agravju tieghu l-appellant qed jirrileva illi huwa fl-impossibilita illi jottempra ruhu mal-Ligi propju ‘l ghaliex ma kellux aktar access ghad-dokumenti u lanqas biss kien jaf fejn huma l-karti u l-kotba tas-socjeta. It-tielet agravju huwa n-nuqqas ta’ ottempranza tieghu kienet sarfet f’penali gornaliera. Dana jmur kontra l-ordinament guridiku nnifsu li wiehed jottempra ruhu necessarjament jirrikjedi li ghandhom jintelw formoli bl-informazzjoni relevanti. Izda l-Ligi stess tezonora lill-appellant milli jzomm ir-records u l-kotba tal-kummerc tieghu ghal dan iz-zmien kollu. Peress illi l-kaz jirrizali 15 is-sena ilu ma jistax issa jottempra ruhu mal-Ligi u wisq anqas illi jehel penali gornalieri kif ordnat l-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat.

Skont l-appellant il-kumpanija Toys & Kids Limited imbieghet fin-1998, pero’ baqa’ jahdem fil-kumpanija sakemm saret il-handover u ma kellux aktar kuntatt mal-kumpanija wara l-20 ta’ Ottubru, 2001. Bejn in-1998 u l-2001 kien single director u ammetta li jista’ jkun illi kien hemm xi denunzji li ma thallsux pero’ llum ma jafx ezatt x’gara peress illi m’ghandux access ghal kumpanija.

Ikkunsidrat.

Fuq din ix-xhieda l-Qorti thoss illi ghandha issib htija peress illi l-appellant jammetti illi bejn in-1998 u t-2001 kien direttur wahdu responsabbli ghal dik il-kumpanija u jista' jaghti l-kaz li kien hemm xi denunzji li ma thallsux. Il-prosekuzzjoni ppruvat illi fil-fatt kien hemm numru ta' denunzji ghal dawk is-snin li ma thallsux u allura l-Qorti hija sodisfatta fil-grad li trid il-Ligi illi ghall- perjodu ndikat fic-citazzjoni l-appellant naqas milli jottempra ruhu mal-Ligi u principalment mar-regolamenti tal-Kap 372. Tifhem ukoll illi wara 15 -il sena huwa prattikament impossibli illi l-appellant ikollu l-access ghad-dokumenti u ghall- kotba sabiex huwa jkun jista' jara l-ammonti illi jrid ihallas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ghal dak li jirrigwardja l-penali gornaliera s-sub Artiklu 13 ta' l-Artiklu 23 jimponi fuq din il-Qorti l-obbligu illi tinfliggi dawn it-tipi ta' penali, dejjem fil-kaz ta' htija u l-ewwel Qorti gustament mal-impozizzjoni tal-multa mponiet ukoll piena addizzjonali ta' €7 kulljum li matulu jkompli n-nuqqas mid-data ta' dik is-Sentenza. Peress illi din il-multa hija tassattiva din il-Qorti ma tistax tirrikonsidraha u m'ghandiex triq ohra hlief illi tikkonferma s-Sentenza appellata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell, tikkonferma s-Sentenza appellata b'dana pero' tappella lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex bil-poteri moghtija lilu mill-Ligi jasal f'arrangament vontarju ma l-appellant halli ma jkunx tenut ihallas dawk il-penali gornalieri kif imposta minn din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------